Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 01/2020BS

Manuela Mitovska (KI 190918A)

Vs

Bernard Zammit (KI 60950G)

Digriet Kamerali tal-16 ta' Jannar, 2020

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Fit-08 ta' Jannar 2020 Manuela Mitovska (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenta"), ippreżentat rikors li permezz tiegħu talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Bernard Zammit (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-intimat");

Fl-istess ġurnata, ingħata digriet li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimat ħamest ijiem żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2020 ;

Fit-13 ta' Jannar, 2020 l-intimat intavola r-risposta tiegħu.

Ir-rikors ġie trattat fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2020 u tħalla għal digriet kamerali.

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

**IT-TALBA**.

Ir-rikorrenta qed titlob lill-Qorti tordna l-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimat jinżamm milli:

> *"B'xi mod u manjiera, jkecci, jew jittermina l-impjeg tar-rikorrenti jew jiehu kwalsijasi azzjoni relatata mal-istess impjieg li tippregudika d-drittijiet tal-istess rikorrenti.*

*Illi r-rikorrenti kienet u ghadha mpjegata mal-intimat, fejn hija mpjegata bhala 'Waitress' u tahdem fl-istabbiliment (restorant) 'Horizon Restaurant' f'Marsalforn, iz-Zebbug, Ghawdex, dan fuq bazi Full-time, dan permezz ta' kuntratt ta' impjieg indefinit hawn anness bhala Dok A. Illi in oltre, ir-rikorrenti ghadha mnizzlha bhala mpjegata tal-intimat dan kif huwa kkonfermat mid-dokument rilaxxat mill-Jobs Plus (Illum stess) u li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B.*

*Illi r-rikorrenti ilha tahdem mal-intimat sa mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Illi konferma ta' dan huma d-dokumenti rilaxxati mill-Jobs Plus, hawn annessi u mmarkati bhala Dok C uD, rispettivament.*

*Illi prezentalment ir-rikorrenti waslet fl-ahhar granet tat-tqala taghha, b'liema tqala hija nfurmat lil l-intimat u/jew terzi nkarigati mill-intimat fuq il-post tax-xoghol mill-bidu nett, ghalhekk kienu konsapevoli tal-istess.*

*Illi f'Dicembru, terzi (fosthom iben l-intimat) inkarigati mill-intimat bit-tmexxija tal-istabbiliment infurmaw verbalment lir-rikorrenti u lil zewgha (Aleksanar Mitovski) li kien se jigi terminat l-impjieg u/jew li kienet se tinghata n-notice dan minghajr l-ebda raguni, u fi' stanzi ohra nghataw verzjonijiet kunfliggenti mill-intimat u/jew terzi minnhu nkarigati minnu*

*Din it-talba qeghdha ssir peress li jekk l-intimat jithalla jittermina l-impjieg tar-rikorrenti dan jkun qieghed jsir b'tali mod u manjiera li jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti, liema terminazzjoni tal-impjieg fi kwalunkwe kaz tkun isiru b'mod illegali, u abbuziv u/jew minghajr l-osservanza tal-formalijiet stipulati fil-ligi.*

*Illi l-esponenti se tigi pregudikati serjament jekk l-intimat jithalla jipprosegwi bit-tkeccija, ghalhekk l-esponenti hija kostretta li tipprocedi permezz ta' din il-procedura.*

*Stante l-urgenza tal-kaz, u peress li l-intimat possibilment ikecci lir-rikorrenti mill-impjieg b'mod ingust (unfair dismissal) l-esponenti umilment titolbu li dan il-mandat jigi milqugh provizorjament sakemm ikun hemm digriet finali.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;"*

**IR- RISPOSTA TA' L-INTIMAT**

Skont l-intimat it-talba tar-rikorrenta għandha tiġi miċħuda stante:

*"..... l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni huwa, skond l-artikolu 873(1) tal-Kap 12, li **'jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga'**. Illi fil-kaz odjern l-impjieg gie terminat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019) bl-accettazzjoni tar-rikorrent li thallset. Illi l-istess rikorrenti gabret il-paga u rrilaxxat ircevuta li hija hawn annessa u mmarkata bhala 'DOK*

*A' ffirmata minnha u ghaldaqstant m'hemm l-ebda skop ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni;*

*Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, ma jezistux l-elementi neccessarji ghall-hrug tal-istess mandat ta' inibizzjoni u dana peress illi dan il-mandat m'huwiex mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti u dana ghas-semplici raguni li l-kwistjoni relattiva dwar terminazzjoni tal-impjieg hija governata mill-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industirjali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ) fejn Taqsima 111 isemmi it-twaqqif ta' Tribunal Industrijali li skond l-artikolu 75 (1) (a) tal-istess Att ghandu gurisdizzjoni* ***ESKLUSSIVA*** *li jikkunsidra u jiddecidi:*

***il-kazijiet KOLLHA fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta bhal kif qieghda tallega r-rikorrenti fil-kaz odjern u l-istess att jaghti r-rimedju skond l-artikolu 81 (2) (a), (b) u (c) tal-istess Att;***

*Illi oltre minn dan ir-rimedju hemm rimedju iehor fejn haddiem jista' japplika lill-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol imwaqqfa permezz tal-Att dwar is-Servizzi tal-Impjieg u Tahrig (Kap 594 tal-Ligijiet ta' Malta) minhabba tkeccija ngusta u jinghata ukoll rimedju;*

*Illi minn dan kollu johrog li l-hsara li qieghda tigi lamentata dwarha hemm alternattiva ghalih:*

***'… il-frazi 'tkun ta' hsara (fl-Art 873 (1) tal-Kap 12) ghandha tinghata nterpretazzjoni li dak li qed jipprova jigi nibit, jekk ma jigix inibit, jista' jkun ta' pregudizzju fis-sens li mhux biss jikkawza hsara pero' li jikkawza hsara li m'hemmx alternattiva ghalih almenu fil-mori tal-kawza jew l-alternattiva hija sproporzjonata…" (Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe (Rikors Nru: 3135/94);***

*Illi oltre minn dana qieghed jigi sollevat li l-mandat ta' inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta'* ***natura eccezzjonali*** *li:*

***'minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollhu r-rikorrenti jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli' – Charles Mugliett vs savior Bonnici (P.A> 25.01.2005)***
*Issa f'dan il-kaz hemm ir-rimedju kontemplat fl-Artikolu 81(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li l-persuna koncernata terga tidhol ghax-xoghol ghaliex tkun tkecciet minghajr kawza gusta;*

*Illi minn dana kollu johrog il-fatt li m'hemmx f'dan il-kaz il-**periculum in mora** fis-sens li l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni m'huwiex mehtieg sabiex jithares il-jedd tar-rikorrenti.*
*Illi kif intqal tajjeb fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1327/2019 fl-ismijiet:'* ***Lorry Apap vs Is-segretarju Permanenti Ewlieni fl-Ufficju tal-Prim Ministru et'****, dekretat fil-21 ta' Ottubru 2019 il-mandat ta' inibizzjoni m'ghandux jintuza:*

***'bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti ntimata, li, jew taghmel dak li tixitieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma***

***jibqax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-Ligi li mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din' – ara sentenza fl-ismijiet: 'Avukat Dr John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti' P.A. 18.07.2008.***

*Illi oltre dan hemm punt iehor rilevanti u mportantissimu u cioe' li l-intimat, jekk jinhareg dan il-mandat ta' Inibizzjoni, ikun irid jippermetti li r-rikorrenti tkompli tahdem bhala 'waitress' fl-istabbiliment tieghu meta din isservi l-patrocinati tal-istess restorant b'mod arrogant u b'manjiera xejn dinjituza u kumplimentarji b'dannu ghalhekk ghall-istess negozju tieghu. Illi oltre minn dana r-rikorrenti ghandha passaport barrani, barra mill-Unjoni Ewropeja (Macedonia) u ghalhekk hija m'ghandha l-ebda dritt awtomatiku ghax-xoghol go pajjiz li huwa membru tal-Unjoni Ewropeja u l-istess intimat qatt ma jista' jigi ritenut li jkompli jiffirma d-dokumenti kollha necessarji mal-Jobs Plus u mal-Identity Malta sabiex din tkompli tinghata l-'working permit' biex tghix u tahdem Malta. Fil-veru sens tal-kelma, ir-rikorrenti m'ghandhiex il-protezzjoni tal-Ligijiet tal-Impjieg".*

**RIŻULTANZI**

Mit-trattazzjoni tal-partijiet jirriżulta illi r-rikorrenta bdiet taħdem bħala "waitress" fir-ristorant "Horizon" fl-01 ta' Lulju, 2018 u l-kuntratt kien wieħed indefinit[1]. Ir-rikorrenta targumenta illi hija għadha fl-impjieg u għalhekk l-intimat għandu jinżamm milli jittermina tali mpjieg. Tgħid illi hija waslet fl-aħħar tat-tqala u li l-intimat kien ben konsapevoli ta' dan. Tallega illi f'Diċembru hija u s-sieħeb tagħha kienu nfurmati illi l-impjieg tagħha kien ser jiġi terminat iżda ma ngħataw ebda raġuni għal dan u saħansitra meta nsistiet li jkollha r-raġuni għat-terminazzjoni, ingħatat verżjonijiet kunfliġġenti. Hija tgħid illi jekk l-intimat jitħalla jittermina l-impjieg id-drittijiet tagħha jiġu leżi, ser issofri preġudizzju u l-istess terminazzjoni tkun qed issir b'mod abbużiv u llegali.

Ir-rikorrenta fir-rikors tafferma illi "**kienet u għadha impjegata**". Infatti hija ppreżentat dokument maħruġ mill-Jobsplus[2] fit-03 ta' Jannar, 2020 illi juri li hija mpjegata *full time* fuq bażi ta' kuntratt indefinit. Hija tafferma li l-Qorti ghandha kompetenza tiddeċiedi t-talba tagħha għax għad ma hemmx tkeċċija mill-impjieg. In sostenn ta' l-argument tagħha r-rikorrenta ppreżentat żewġ sentenzi[3].

Ir-rikorrenta tisħaq illi r-riċevuta ppreżentata mill-intimat hija dokument illi hija kienet kostretta tiffirma nkella ma titħallasx. Barra minn hekk l-intimat kellu erbat ijiem żmien mid-data mniżżla fuq l-irċevuta sabiex jimla l-formoli neċessarji u jinforma lill-Jobsplus

---

[1] A fol 7 tal-process
[2] A fol 9 tal-proċess
[3] Malta Union of Bank Employees vs HSBC Malta p.l.c. ( C 3177), Prim Awla, Mandat numru 1507/2012, 8 ta' Novembru, 2012, u William Dingli vs Gozo Channel Operations Ltd, Appell Inferjuri 62/2017, 5 ta' Ottubru, 2018.

u Identity Malta illi l-kuntratt ġie terminat. Huwa naqas illi jagħmel hekk u għalhekk ma hemmx terminazzjoni ta' l-impjieg.

Rigward il-preġudizzju, hija tghid illi jekk wieħed kellu jqis illi l-kuntratt ġie terminat hija titlef il-*maternity leave*. Barra minn hekk il-proċess illi trid tgħaddi minnu sabiex issib xoghol huwa ppreġudikat u ma kienx hemm kawża ġusta u suffiċjenti ghat-terminazzjoni.

L-intimat minn naħa tiegħu jilqa' għal dawn l-allegazzjonijiet billi jsostni illi l-impjieg ġie effettivament itterminat f'Diċembru, 2019, tant illi l-istess rikorrenta ffirmat riċevuta u fl-istess dokument hija iddikjarat illi irċeviet il-ħlas kollu dovut lilha u illi:

**"....I don't have anything else to do with the same Horizin Restaurant/Bernard Zammit**."[4]

Jgħid illi ġia la darba l-impjieg spiċċa din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar talbiet tar-rikorrenta in konnessjoni mal-impjieg tagħha billi huwa t-Trinunal Industrijali illi ai termini ta' l-Artikolu 75(1) (a) tal-Liġijiet ta' Malta għandu il-ġurisdizzjoni illi jiddeciedi dwar tkeċċija nġusta. Barra minn hekk jisħaq illi fil-konfront tat-talba ghall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, i r-relazzjoni bejn ir-rikorrenta u l-intimat kienet waħda kontrattwali li ġiet terminata. Illum ma hemmx x'tikkawtela għax hemm *fait accompli*. Jisħaq illi jekk ir-rikorrenta jidrilha illi l-impjieg tagħha ġie terminat b'mod abbużiv hija għandha tagħmel użu mir-rimedji oħra taħt il-liġi u għalhekk dan il-mandat ma hux neċessarju. Isegwi għalhekk illi ġia la darba ma hux meħtieġ, ma hemmx *periculum in mora*.

**ID-DRITT.**

Il-Qorti l-ewwel ser tqis il-kwistjoni ta' ġuridizzjoni stante illi din hija waħda kruċjali u fundamentali, għax jekk jirriżulta illi din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni allura jkollha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenta.

In sostenn ta' l-argument tiegħu l-intimat ippreżenta dokument illi permezz tiegħu r-rikorrenta ddikjarat illi ma għandha x'taqsam xejn aktar mar-Ristorant kif ukoll ma' l-intimat. Il-Qorti tqis illi din id-dikjarazzjoni hija ferm importanti għax tissenjala it-terminazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti fehmet illi r-rabta bejn ir-rikorrenta u l-intimat kienet regolata b'kuntratt lavorattiv indefinit. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti għalhekk, meta r-rikorrenta aċċettat il-ħlas dovut lilha u aktar minn hekk iffirmat dokument illi fih tgħid illi ma għadx baqalha pretensjonijiet versu l-intimat hemmhekk kienet qed tissiġilla l-waqfien ta' din ir-relazzjoni kontrattwali. L-argument sollevat mir-rikorrenta illi l-intimat għadu ma ħax il-passi sabiex jinforma lill-Jobsplus u Identity Malta b'din it-terminazzjoni ma jbiddel xejn mill-effettivita' ta' din it-terminazzjoni.

[4] A fol 21 tal-process

Dan l-allegat nuqqas għalkemm jista' jammonta għall-ksur ta' provvedimenti legali taħt liġijiet speċifiċi, ma jistax jittieħed bħala bażi biex jiġu mxejjna l-effetti tat-terminazzjoni billi dawn skattaw malliir-rikorrenta ffirmat id-dokument.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis li s-sentenzi ppreżentati mir-rikorrenta in sostenn ta' l-argument tagħha illi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonsidra t-talba tagħha ghall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma humiex applikabbli ghall-każ odjern. Fis-sentenzi ppreżentati l-vinkolu kontrattwali bejn min iħaddem u l-ħaddiem kienet għadha viġġenti waqt l-iter ġudizzjarju u għalhekk il-Qorti kellha ġurisdizzjoni tiddeċidi t-talbiet miġjuba quddiemha. L-istess ma jistax jingħad għall-każ odjern fejn ir-rikorrenta ntavolat it-talba tagħha fit-8 ta' Jannar, 2020 li jiġi wara li r-rabta kontrattwali kienet inħallet. Dan qed jingħad stante li jirriżulta li r-rikorrenta ffirmat id-dokument f'Diċembru, 2019 u għalhekk ma' tali terminazzjoni spiċċat ukoll il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

**Għalhekk l-eċċezzjoni ta' ġurisdizzjoni mqajjma mill-intimat hija akkolta.**

**PROVVEDIMENT**

Il-Qorti għalhekk, għar-raġunijiet suesposti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenta għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat.

Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tar-rikorrenta.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis 16 ta' Jannar, 2020.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur